# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 713

KAZ NRU. 746

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Joseph Genovese

u

Golden Sands Limited

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Illum : 3 ta' Mejju, 1996

Chairman : Dr. Joseph P. Bonnici LL.D.

## INTRODUZZJONI

Illi permezz ta' ittra datata 25 ta' Jannar, 1993 l-Onorevoli Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani rrifera din il-kwistjoni tax-xoghol bejn il-partijiet lil dan it-Tribunal ai termini tal-Artikolu 28(2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta, ghad-decizjoni tieghu.

## FATTI

Illi fl-"istatement of case" tieghu, l-appellant jallega illi t-tkeccija tieghu u r-ragunijiet li wasslu ghaliha, kienu biss rizultat ta' manuvrar da parti tal-management sabiex postu jit-tiehed minn persuna ohra vicin membru tal-management. L-allegaz-

zjonijiet fil-konfront tieghu kienu biss koncertati sabiex tintlahaq din il-konkluzjoni ahharija.

Da parti taghha, is-Socjeta' intimata talbet illi eventwalment itterminat l-impjieg ta' l-appellant minhabba diversi ragunijiet, fosthom insubordinazzjoni, nuqqas ta' rispett lejn il-klijenti tal-hotel u tal-management, abbiljament mhux kif rikjest, abbandun tal-post tax-xoghol sabiex imur jiekol hu u jitma' l-qtates, u nuqqas ta' puntwalita'. Inoltre kellu diversi 'warnings' sia verbali u sia skritti.

Illi l-konsulenti rispettivi tal-partijiet ipproducew diversi xhieda u dokumenti sabiex jissostanzjaw it-tezi rispettiva tal-klijenti taghhom, u inoltre pprezentaw osservazzjonijiet estensivi. It-Tribunal ikun qed jonqos jekk ma jikkumplimentax lill-istess ghal mod kif irregolaw ruhhom f'dan il-kaz mhux facli, bl-akbar lejalta' u assidwita' u preparazzjoni.

<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi l-appellant xehed in extenso fis-seduta tas-27 ta' Lulju 1993 u in kontro-ezami fis-seduti tat-8 ta' Ottubru 1993 u 5 ta' Novembru 1993. Johrog bic-car illi l-appellant hassu persegwitat mill-management, anzi diskriminat sabiex iwarrab sabiex jaghmel post lil terzi. Kien ossessjonat mill-qmis u ngravata li gew stipulati mill-managment, u ma riedx joqghod jilbishom. Kien ta' spiss jixx-arrab minhabba l-ghabra tal-flus. Kien jahdem f'ufficcju zghir u xtaq l-air condition bhal management. Kellu attegjament ta' kon-

frontazzjoni sia ma' shabu, u sia mal-management. Kellu diversi warnings - gie sospiz darbtejn minn fuq il-post tax-xoghol. Darba ghal tlett (3) ijiem darba ohra ghal seba' (7) gimghat. L-ewwel darba ghax irrifjuta espressament li jaqdi turist Belgjan - ghax hass li kellu jaqdih haddiehor. It-tieni darba, meta gie moghti qmis u mar tefghaha f'wicc il-principal tieghu u gie ordnat li jilbes l-ingravata. In oltre, fil-konfront ta' shabu, kellu diversi kwistjonijiet. Fil-kaz tal-bar, per ezempju, ma kienx jaghtihom flus zghar ghal bqija ghax, kif allega hu, ma kienux jaghtuh kafe'. Hadha bi kbira wkoll li ma giex "fdat" bit-tieni password ghat-tieni livell ghall-entratura fil-programmi kompjuterizzati tal-kumpanija.

Illi dawn in-nuqqasijiet kollha gew kollha ammessi mill-istess appellant. In oltre dawn gew konfermati da parti tax-xhieda prodotti mis-Socjeta' intimata.

<u>Neville Fenech</u>, fix-xhieda minnu moghtija fil-25 ta' Marzu 1994, u fil-kontro-ezami sottopost fl-10 ta' Novembru 1995, ikkonferma l-attegjament ta' l-appellant. Kien wiehed ta' konfrontazzjoni regolari, insubordinazzjoni totali f'wicc il-management u suppervja meta rinfaccjat b'alternattiva. Ghalkemm kien tah istruzzjoni specifika biex jaqdi lill-klijent Belgjan, irrifjuta mill-ewwel li jobdi l-ordni legittima tal-principal tieghu. L-appellant kellu l-ardir li jitfalu f'wiccu l-qmis mixtrija ghalih. Ippretenda li jkollu access ghall-livel superjuri tal-programm tal-computer - pass limitat ghal certu membri biss tal-management. Ikkonferma in oltre l-warnings esebiti bhala Dok. R.M. 1,2 u 3 - li del resto ma gewx kontestati mill-appellant.

Kevin Fenech, fis-seduta ta' l-4 ta' Novembru 1994 u fil-kontro-ezami ta' l-10 ta' Novembru 1995 irrefera ghan-nuqqasijiet ta' l-appellant. Ossia insubordinazzjoni, abbiljament inadegwat, nuqqas ta' puntwalita', nuqqas ta' kooperazzjoni, abbandun tal-post tax-xoghol. Spjega in oltre, bhala l-persuna l-aktar interessata u koncernata, l-involviment tal-famuza Silvana Coleiro - ossia dik, id-deus ex macchina ghaliex l-appellant kien assoggettat ghal dan l-oltragg kollu u dana sabiex ikun kostrett jaghmel wisgha ghall-istess impjegati li accidentalment spiccat bhala mart id-direttur/propjetarju tal-lukanda. Dina kienet sempliciment receptionist u kienet taghmel xoghol ta' reservations. Xogholha ma kienx jikkomprendi u/jew jinfluwenza dik ta' front office cashier. Ma qabzet lil hadd biex spiccat tahdem fejn tahdem.

John Mifsud, Assistant General Manager u superjur immedjat tal-appellant, xehed fis-seduta tat-22 t'April, 1994 u in kontro-ezami fit-3 ta' Frar 1995. Mario Messina - Night Manager - xehed fid-9 ta' Dicembru 1994. Dawn ikkonfermaw sostanzjalment ix-xhieda tas-sinjuri Fenech. Kien bniedem li jirrendi ruhu difficcli biex tahdem mieghu. Kien regolari fil-warnings verbali 'ad nauseam'. Kellu attegjament negattiv - b'rispons kontrarju minn shabu. Ma kienx jaghtihom bqija - jabbanduna l-post tax-xoghol. Ma jkunx abbiljat kif suppost. Mifsud kien prezenti meta l-appellant waddab il-qmis lejn Neville Fenech, kif ukoll meta gie moghti l-ordni tat-terminazzjoni minn Kevin Fenech.

Illi t-Tribunal ma jistax ma jirriflettix fuq zewg punti kardinali

ghal dan il-kaz. L-ewwel, il-post tax-xoghol hu liema hu ghandu jigi salvagwardat mill-impjegat. Qed hemm biex jaqla' l-ghixien tieghu, filwaqt li l-principal jirrikava ntrojtu mill-investiment tieghu li jkun ghamel. Aktar u aktar meta dan il-post tax-xoghol huwa lukanda ossia fejn jirrisjedu turisti u t-turizmu huwa kol-lonna principali tal-ekonomija patria. Huwa essenzjali li l-haddiem jaghti s-servizz tieghu sia fl-interess tal-haddiema shabu u sia ta' dawk l-istrangieri li jzuru pajjizna. It-turisti stess huma l-aqwa reklam ghal pajjizna.

Fit-tieni lok, il-haddiem ghandu juri l-aqwa rispett lejn minn ihaddmu, filwaqt li min ihaddem ghandu jipprovdi l-aqwa kondizzjo-nijiet tax-xoghol ghal haddiema tieghu. L-ordnijiet legittimi tal-management u/jew principal ghandhom jigu osservati bir-reqqa, minghajr suppervja u bla ebda tintif ta' insubordinazzjoni. Il-haddiema bejniethom, flimkien mal-principal, ghandhom jimxu id f'id fl-interess magnanimu ta' l-azjenda kummercjali bi skop wiehed - li ssir fruttifera fl-interess taghhom u tan-nazzjoni b'mod generali. L-armonija lavorattiva, il-kommunikazzjoni fuq il-post tax-xoghol u r-rappochement bejn iz-zewg partijiet huma essenzjalissimi fi kwalunkwe post tax-xoghol.

Illi danakollu donnu ma kienux a konjizzjoni ta' l-appellant. Il-pretenzjonijiet ingusti tieghu, is-supervja u l-insubordinazzjoni sfaccjati tieghu wasslitu biex jadopera sistema ta' ragion fatta-si. Ir-regolamentazzjoni ordinata kienet, fl-opinjoni tieghu, applikabbli ghal kullhadd, hlief pero' ghalih. Jew jahdem u/jew jikkomporta ruhhu kif ried hu, jew xejn. Attitudni lavorattiva

bhal dik in ezami ma kinitx accettabbli ghas-Socjeta intimata wisq anqas ghal dan it-Tribunal. L-aqwa xhud taghha kien l-istess appellant. Il-kaz taghha, gie ppruvat sodisfacentement u bhala tali, it-tkeccija tieghu kienet wahda gusta u timerita konferma.

KONKLUZJONI

Ghaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi, ghar-ragunijiet fuq premessi, illi t-tkeccija ta' Joseph Genovese da parti tal-Golden Sands Limited kienet wahda gusta.

B'hekk din il-kwistjoni tax-xoghol giet definittivament deciza. Ghall-finijiet ta' tassazzjoni, dan it-Tribunal jiffissa l-ammont dovut lil konsulenti rispettivi fl-ammont ta' Lm40 (erbghin lira maltin).

ft/ Joseph P. Bonnici
CHAIRMAN

------------------------
George Attard
SEGRETARJU

mrg